# FIL-QORTI ĊIVILI
# SEZZJONI TAL-KUMMERĊ

## ONOR. IMĦALLEF
## IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

## Illum, il-Ġimgħa 17 ta' Novembru, 2023

**Kawża Nru. 4**

**Rik. Nru. 119/2022 ISB**

**Erremme Business Advisors Limited**

**vs**

**Ir-Reġistratur tal-Kumpanniji**

**Il-Qorti,**

Rat ir-**Rikors** tas-soċjeta' **Erremme Business Advisors Limited (C 30153)**, intavolat fit-22 ta' Novembru 2022, li permezz tiegħu talbet lill-Qorti sabiex:

1. *Tordna l-isem tal-kumpannija Geras Care Limited, ta' numru ta' reġistrazzjoni C 67013, jiġi restitwit fuq ir-Reġistru tal-Kumpanniji;*

2. *Tordna illi jerġa jinfetaħ l-istralċ tal-kumpannija Geras Care Limited (C 67013);*

3. *Tordna illi jiġi appuntat stralċarju sabiex jassumi l-funzjonijiet, is-setgħet u l-obbligi kollha ta' stralċarji tal-kumpannija Geras Care Limited (C 67013);*

4. *Tordna l-istralċarju hekk appuntat, sabiex fi żmien qasir u perentorju illi jiġi ddeterminat minn din l-Onorabbli Qorti, iħallas l-ammont dovut lis-soċjetà esponenti, liema ammont huwa gia deskritt f'dan ir-Rikors, u jagħlaq l-istralċ tal-kumpannija Geras Care Limited (C 67013);*

U dan wara li ppremettiet:

*Illi s-soċjetà rikorrenti kienet tipprovdi servizzi professjonali lis-soċjetà Geras Care Limited (C 67013) liema soċjetà ġiet irreġistrata nhar it-8 ta' Ottubru tal-2014, kif jindika fiċ-ċertifikat ta' registrazzjoni hawn anness bħala 'DOK A';*

*Illi s-soċjetà surreferita daħlet fi proċeduri ta' stralċ, u fit-13 ta' Jannar, 2017, id-Direttur tas-soċjetà surreferita, Joseph Gaffarena, intavola Dikjarazzjoni ta' Solvenza a tenur tal-artikolu 268 tal-Att Dwar il-Kumpanniji (Kap 386 tal-Ligijiet ta' Malta) fejn iddikjara illi s-soċjetà Geras Care Limited kienet tinsab fil-pożizzjoni illi tista tħallas id-djun kollha tagħha fi żmien tnax (12)- il xhar mid-data tax-xoljiment, u ċioé il-31 ta' Diċembru, 2016, hekk kif rikjest fl-imsemmi artikolu (Dikjarazzjoni hawn annessa bħala 'DOK B');*

*Illi permezz ta' sentenza tat-Tribunal Għal Talbiet Żgħar, datata it-28 ta' Frar tas-sena 2017 (hawn annessa u mmarkata bħala 'DOK C'), s-soċjetà Geras Care Limited ġiet ikkundannata tħallas lis-soċjetà rikorrenti is-somma ta' tlett elef u ħames mitt Ewro (€3,500) rappreżentanti bilanċ tad-*

*drittijiet għal servizzi reżi lilha l-istess-soċjetà esponenti, liema bilanċ huwa rifless fi statement hawn anness bħala 'DOK D';*

*Illi minkejja diversi interpellazzjonijiet da parti tas-soċjetà esponenti, il-ħlas dovut baqa ma ġiex affetwat, u l-bilanċ surreferit għadu pendenti sal-lum, inklużi l-ispejjeż u interessi legali;*

*Illi s-soċjetà esponenti saret taf minn fuq is-sit tar-Registratur tal-Kumpanniji, illi fil-2 ta' Ottubru tas-sena preċedenti 2021 ('DOK E'), is-soċjetà Geras Care Limited ġiet maqtugħa mir-Reġistru bħala kumpannija illi ma toperax;*

*Illi, in vece tas-suespost u ai termini tal-artikolu 300B tal-Att Dwar il-Kumpanniji, is-soċjetà esponenti tinsab titlob illi l-isem tal-kumpannija Geras Care Limited jiġi restitwit fuq ir-Reġistru u dan wara li fid-Dikjarazzjoni ta' Solvenza fuq imsemmija id-Direttur espressament iddikjara illi d-djun kollha jistgħu jiġu mħallsa fi żmien tnax (12)-il xhar, pero, is-somma dovuta lis-soċjetà esponenti baqgħet ma tħallsitx;*

*Illi l-istralċ u t-tħassir tal-kumpanija minn fuq ir-Reġistru sar b'nuqqas ta' prudenza, u diligenza u nuqqas ta' attenzjoni għaliex fil-fatt id-Direttur naqas milli jieħu kont tal-assi kollha fil-kors tal-istralċ tal-kumpannija, u għaldaqstant, dan l-għagir għandu jitqies bħala illegalità;*

*Illi s-soċjetà esponenti m'għandiex rimedju ieħor sabiex titħallas l-ammont dovut lejha u fin-nuqqas illi tiġi aċċettat ir-rimedju odjern, is-soċjetà esponenti ser tkun qiegħda tiġi mċaħħda mil-ħlas dovut lejha frott servizzi illi hi pprovdiet lis-soċjetà Geras Care Limited;*

*Illi għaldaqstant premess is-segwenti:*

*i. Illi s-soċjetà esponenti għandha l-interess rikjest mil-ligi a tenur tal-artikolu 300B;*
*ii. Illi l-istralċ u t-tħassir tal-kumpanija Geras Care Limited huwa vvizzjat b'illegalità ta' natura materjali;*
*iii. Illi s-soċjetà esponenti m'għandiex rimedju ieħor għad-dispożizzjoni tagħha sabiex titħallas l-ammont dovut lejha;*

*iv. Illi r-Rikors odjern ġie ntavolat qabel ma skada il-perjodu ta' ħames snin mid-data tat-tħassir tal-isem tal-kumpannija minn fuq ir-Registru tal-Kumpanniji*

Rat id-dokumenti ppreżentati mar-rikors (fol 4 sa fol 11).

Rat id-digriet tagħha tal-25 ta` Novembru 2022, minn fejn jirrizulta illi r-rikors kien appuntat għas-smigħ għall-udjenza tal-20 ta' Jannar 2023 fl-10:00am, u fejn kienet ordnata n-notifika tar-rikors lill-intimat Registratur tal-Kumpanniji b'għoxrin jum żmien għar-risposta.

Rat illi r-Registratur tal-Kumpanniji kien notifikat fis-6 ta' Diċembru 2022 (ara tergo ta' fol 13).

Rat in-nota tas-soċjeta' rikorrenti ntavolata fl-20 ta' Diċembru 2022 (fol 16) li permezz tagħha ppreżentat affidavit ta' **Reuben Buttigieg** b'dokumenti annessi (fol 18 sa fol 23).

Rat illi fil-21 ta' Diċembru 2022, ir-**Registratur tal-Kumpanniji** intimat ppreżenta r-risposta tiegħu (fol 24), li permezz tagħha, huwa sostna:

*Illi l-kumpanija Geras Care Limited (C 67013) kienet ġiet reġistrata fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji ("Reġistru") fit-8 ta' Ottubru 2014;*

*Illi fiż-żmien li damet fuq ir-Reġistru, il-kumpanija naqset mill-obbligi tagħha illi tibgħat kontijiet u prospetti annwali lir-Reġistratur għar-reġistrazzjoni ai termini tal-Att dwar il-Kumpaniji. Tant hu hekk illi l-kumpanija qatt ma ssottomettiet il-prospetti annwali mar-Reġistratur u l-aħħar kont annwali rreġistrat kien dak tas-sena 2015;*

*Illi fil-31 ta' Diċembru 2016 il-kumpanija ssottomettiet l-avviż tar-resoluzzjoni għax-xoljiment volontarju tal-kumpanija de quo. Illi f'din l-istess data ġie appuntat is-Sur Alexander Valenzia bħala Likwidatur u dan l-istess irreżenja mill-inkarigu tiegħu fit-13 ta' April 2018. Illi għalhekk il-kumpanija naqset*

*milli tkompli l-proċess ta' xoljiment u kompliet tonqos ukoll milli tissottometti d-dokumenti skont l-Att;*

*Illi tali nuqqas kien raġuni biżżejjed sabiex l-esponenti Reġistratur tissoponi li ebda stralċjarju ma kien qed jaġixxi ai termini tal-artikolu 325(3) tal-Att dwar il-Kumpaniji;*

*Illi in vista tas-suespost, ir-Reġistratur proċediet sabiex kitbet lill-kumpanija biex tavża illi l-isem tal-kumpanija kien ser jiġi mħassar minn fuq ir-Reġistru kemm il-darba ma tintweriex raġuni sabiex dan ma jseħħx;*

*Illi ir-Reġistratur bagħtet avviż permezz ta' ittra lill- kumpanija fuq l-indirizz reġistrat tagħha li huwa 9 Farmhouse, Luqa Road, Qormi, datati, 2 ta' Lulju, 2021;*

*Illi f'din l-ittra il- kumpanija ġiet infurmata illi la darba kienet ilha snin fi stat ta' xoljiment li qatt na ġie konkluz, f'każ li ma tweġibx ittra fi żmien tliet xhur, ir-Reġistratur kienet se tkompli bil-proċess ta' tħassir ta l-isem tal-kumpanija;*

*Illi fit-2 ta' Lulju 2021, inħarġet pubblikazzjoni fuq Times of Malta fejn isem il-kumpanija kien wieħed fost oħrajn illi kien ser jiġi mneħħi minn fuq ir-Reġistru tal- Kumpaniji fi żmien tliet xhur, la darba ma jkunx hemm oġġezzjoni għal dan;*

*Illi fil-frattemp ir- Reġistratur qatt ma rċeviet l-ebda tip ta' risposta jew dokumenti pendenti mingħand il-kumpanija u lanqas mir-rikorrenti u għaldaqstant fl-4 ta' Ottubru 2021, li jaħbat tliet xhur mill-pubblikazzjoni msemmija hawn fuq, l-esponenti ħarġet avviż fuq website miżmuma minnha fejn ġie*

*avżat illi l-isem tal-kumpanija in kwistjoni kien ġie mħassar minn fuq ir-Reġistru;*

*Illi r-Reġistratur taqbel illi r-rikors qiegħed isir fiż-żmien il-ħames snin mill-pubblikazzjoni tal-avviż tat-tħassir u għalhekk għadu fiż-żmien stipulat mil-liġi. Iżda madanakollu is-soċjeta' rikorrenti qed tgħid illi għandha dritt għal dan a tenur tal-Artikolu 300B tal- Att dwar il-Kumpaniji, iżda dan mhux korrett għaliex l-artikolu rilevanti huwa l-artikolu 325 tal-Att dwar il-Kumpaniji;*

*Illi għaldaqstant ir-Reġistratur tħoss illi jekk dina l-Onorabbli Qorti, fid-diskrezzjoni tagħha jidrilha xieraq illi l-isem tal-kumpanija de quo jerġa jitqiegħed fuq ir-Registru, tali isem għandu jerġa jitqiegħed fi stat ta' xoljiment;*

*Illi per konsegwenza, l-azzjonisti jkunu jistgħu jieħdu resoluzzjoni sabiex jiġi maħtur stralċjarju ġdid.*

*Illi għalhekk, tali stralċjarju jkun jista' skont il-funzjonijiet u l-poteri mogħtija lilu taħt l-Att, jieħu ħsieb illi r-rikorrenti tiġi mħallsa l-ammont pretiż, jekk ikun il-każ. Tali stralċjarju għandu jieħu ħsieb illi jaċċerta ruħu illi l-affarijiet tal-kumpanija kollha jiġu verament finalizzati dan sabiex fi żmien stipulat ikun jista' jieħu ħsieb sabiex jipprepara rendikont u l-iskema ta' distribuzzjoni skont l-artikolu 285(1) tal-Att. Illi b'hekk eventwalment l-isem tal-kumpanija in kwistjoni ikun jista' jiġi mħassar definittivament skont il-proċedura preskritta taħt l-Att. Dan sabiex jiġi evitat kull lok ta' abbuż jew inċertezza fl-*

*istatus tal-kumpanija u sabiex l-affarijiet ma jitwalux bla bżonn;*

*Illi għaldaqstant l-esponenti qiegħda umilment tissolleva li hija lesta li toqgħod għal kull direzzjoni u provediment illi din l-Onorabbli Qorti jidrilha xierqa u opportuni fiċ-ċirkostanzi partikulari ta' dan il-każ, filwaqt illi r-Reġistratur ma tispiċċax b'kumpaniji li m'humiex in regola mal-Att fuq ir-Reġistru għal żmien indefinit.*

Rat illi fl-udjenza tas-16 ta' Ġunju 2023, dehret l-Avukat Alison Wadge għas-soċjeta' rikorrenti u l-Av. Claudette Fenech għar-Reġistratur intimat.

Rat illi fl-udjenza tas-16 ta' Ġunju 2023 xehed **Alexander Valenzia** prodott mis-soċjeta rikorrenti. Rat id-dikjarazzjoni tad-difensuri tal-partijiet li ma kellhomx aktar provi x'jipproduċu.

Rat illi fl-udjenza tas-26 ta' Ġunju 2023, id-difensur tas-soċjeta' rikorrenti għarrfet lill-Qorti li jekk kemm-il darba jintlaqgħu t-talbiet rikorrenti qed jiġi propost l-Awditur David Bajada sabiex iservi ta' stralċjarju.

Rat ukoll illi fl-udjenza tas-26 ta' Ġunju 2023, bi qbil mad-difensuri tal-partijiet il-kawża tħalliet għal-lum għall-provvediment.

Rat l-atti l-oħra tal-kawża.

**Ikkunsidrat:**

Illi jirriżulta mill-atti illi fir-rikors promotur ġie ddikjarat li s-soċjeta' rikorrenti, in forza ta' sentenza moghtija mit-Tribunal Għal Talbiet Żgħar fit-28 ta' Frar 2017 fl-ismijiet **Erremme Business Advisors Limited (C 30153) vs Geras Care Limited**, ġiet iddikjarata kreditriċi tas-soċjeta' Geras Care Limited fis-somma ta' tlett elef u ħames mitt Ewro (€3,500), rappreżentanti bilanċ tad-drittijiet għal servizzi reżi lilha mill-istess soċjeta' rikorrenti.

Illi s-soċjeta' Geras Care Limited kienet daħlet fi proċeduri ta' stralċ fit-13 ta' Jannar 2017 u d-Direttur tal-istess soċjeta`, Joseph Gaffarena, kien intavola dikjarazzjoni ta' solvenza ai termini tal-artikolu 268 tal-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta, fejn ġie dikjarat li l-kumpanija kienet f'posizzjoni li tħallas id-djun kollha tagħha fi żmien tnax (12) -il xhar mill-31 ta' Diċembru 2016.

Minkejja diversi tentattivi mis-soċjeta' rikorrenti, l-imsemmi bilanċ baqa' ma ġiex affettwat u fit-2 ta' Ottubru 2021, is-soċjeta' *de quo* ġiet *struck off* minn fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji.

B'konsegwenza ta' dan is-soċjeta rikorrenti ġiet serjament preġudikata u għalhekk għandha kull interess li s-soċjeta Geras Care Limited terġa titpoġġa fuq ir-Reġistru tas-Soċjetajiet sabiex hi tkun tista validament tesegwixxi l-kreditu tagħha fil-konfront tal-istess Geras Care Limited, għax altrimenti d-drittijiet tagħha fil-konfront ta' tagħha ser jiġu rrimedjabilment preġudikati.

Illi r-**Reġistratur tal-Kumpanniji**, fir-risposta tiegħu jsostni li din l-azzjoni kellha tittieħed ai termini tal-Artiklu 325 u mhux l-Artikolu 300B u dana stante li għalkemm il-kumpanija Geras Care Limited bdiet il-proċedura ta' stralċ voluntarju fil-31 ta' Diċembru 2016, fit-13 ta' April 2018 irriżenja l-istralċjarju Alexander Valenzia u l-proċess ta' xoljiment ma kompliex. Oltre` minn hekk, il-kumpanija *de quo* sa mill-bidu naqset milli tissottometti l-kontijiet u l-prospetti annwali. Għalhekk, wara li saru l-avviżi neċessarji, ir-Reġistratur ħassar l-isem tal-kumpanija minn fuq ir-Reġistru tal-Kumpanniji.

Huwa f'dan il-kuntest illi r-Reġistratur tal-Kumpanniji jinsisti illi jekk din il-Qorti tilqa' t-talba tas-soċjeta rikorrenti, il-kumpanija għandha terġa` titqiegħed fi stat ta' xoljiment u jitqabbad stralċjarju sabiex jara li l-proċedura ta' xoljiment u stralċ titkompla u tiġi konkluża kif jeħtieġ u fi żmien preskritt.

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

Il-Qorti tinnota s-sentenza fl-ismijiet Erremme Business Advisors Limited vs Geras Care Limited deċiża mit-Tribunal Għal Talbiet Żgħar fit-28 ta' Frar 2017 li permezz tagħha ddikjarat lis-soċjeta' Geras Care Limited kreditriċi tas-soċjeta' rikorrenti fl-ammont ta' tlett elef u ħames

mitt Ewro (€3,500) rappreżentanti bilanċ ta' drittijiet għal servizzi reżi lilha mis-soċjeta' rikorrenti bl-ispejjeż u l-imgħaxijiet mis-7 ta' Frar 2017.

Fl-affidavit tiegħu **Reuben Buttigieg** jgħid li hu jokkupa l-kariga ta' direttur tas-soċjeta' Erremme Business Advisors Limited liema kumpanija tagħmel xogħol ta' konsulenza finanzjarja u maniġerjali.

Jispjega li fis-sena 2014, is-soċjeta' rikorrenti kienet avviċinata minn Robert Borg, l-awditur tas-soċjeta' Geras Care Limited sabiex jippreparaw business plan għall-proġett ta' dar tal-anzjani li kienet qed tippjana l-istess soċjeta' u l-parti finanzjarja ta' dan l-istess business plan kien qed jieħu ħsiebha Robert Borg.

Jgħid li x-xogħol sar u matulu ltaqa` diversi drabi mar-rappreżentanti tal-kumpanija Joseph Gaffarena u Daniel Zammit sabiex jiddiskutu l-eżiġenzi tagħhom. Jispjega li meta x-xogħol tlesta ppreżenta l-fattura għall-ħlas li kienet ħafna ogħla minħabba li kienet tinkludi xogħol ieħor.

Jispjega li f'April 2015 iltaqa` ma Gaffarena u Zammit u ppreżenta fattura ta' sebat' elef Ewro (€7,000) u ntalab ftit żmien biex jitħallas il-bilanċ. Jgħid li ftit ġimgħat wara Zammit mar l-uffiċju tiegħu u ħallas bilanċ ta' tlett elef u ħames mitt Ewro (€3,500).

Sussegwentement, minkejja diversi tentattivi, is-soċjeta' rikorrenti intavolat proċeduri quddiem it-Tribunal għal Talbiet Żgħar għall-ħlas tal-bilanċ tal-prezz, liema proċeduri kienu deċiżi favorevoli. Minkejja dan, l-bilanċ ta' tlett elef u ħames mitt Ewro (€3,500) għadu sa llum mhux imħallas.

Jispjega li s-soċjeta' Geras Care Limited daħlet fi proċeduri ta' stralċ f'Diċembru tas-sena 2016 u fit-13 ta' Jannar 2017, Joseph Gaffarena intavola dikjarazzjoni ta' solvenza fejn iddikjara li Geras Care Limited setgħet tħallas id-djun tagħha kollha fi żmien sena.

In segwitu ta' dan, is-soċjeta' rikorrenti bagħtet żewġ ittri, datati 25 ta' April 2017 u 11 ta' April 2018 lir-Reġistratur intimata u lil-likwidatur tas-soċjeta' Geras Care Limited, is-Sur Alexander Valenzia, fejn talbet li l-proċeduri ta' stralċ jiġu imwaqqfa sakemm jitħallas l-ammont dovut. Minkejja dan, is-soċjeta' Geras Care Limited ġiet imħassra mir-Reġistru tal-Kumpaniji fit-2 ta' Ottubru tas-sena 2021.

Fix-xhieda tiegħu, l-**Awditur Alexander Valenzia** jgħid li hu ġie imqabbad mill-Awdituri tal-Kumpanija, Reanda Malta Limited, sabiex ikun stralċjarju tal-kumpanija Geras Care Limited f'Diċembru 2016 u la darba ħadd ma kien għamel kuntatt miegħu sa April 2018, hu rriżenja mill-inkarigu tiegħu. Jgħid li minn dakinhar qatt ma sema` xejn dwar il-kumpanija iżda mill-website tal-MBR tidher bħala *struck off as defunct.*

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

L-intimat Reġistratur fir-risposta tiegħu ssottometta li din il-proċedura kellha ssir taħt l-artikolu 325(4) tal-Kap 386 u mhux taħt l-artikolu 300B tal-istess att. Din il-Qorti għalhekk teħtieġ li qabel xejn teżamina l-għan tal-artikoli ċitati u kif japplikaw jew ma japplikawx għall-proċeduri odjerni.

L-**Art. 325(4) tal-KAP 386 tal-Ligijiet ta' Malta** jgħid testwalment hekk**:**

> *Jekk <u>membru jew kreditur tal-kumpanija, jew xi persuna oħra li fil-fehma tal-Qorti jkollha interess</u> li tħossha aggravata bil-fatt li l-isem tal-kumpanija jkun tħassar minn fuq ir-Reġistru bis-saħħa ta' dan l-artikolu, il-Qorti, fuq rikors magħmul mill-membru jew kreditur jew minn dik il-persuna l-oħra, qabel ma jgħaddu ħames snin mill-pubblikazzjoni tal-avviż tat-tħassir provdut fis-subartikoli (2) u (3), tista', jekk tkun sodisfatta li jkun xieraq li l-isem tal-kumpanija jerġa' jidħol fir-reġistru, tordna li dak l-isem jerġa' jidħol fir-reġistru, u mal-konsenja ta' kopja uffiċjali tal-ordni mir-Reġistratur tal-Qrati lir-Reġistratur għar-reġistrazzjoni, il-kumpanija għandha titqies li kompliet bl-eżistenza tagħha daqslikieku isimha ma kienx tħassar; u <u>l-Qorti tista' bl-ordni tagħha tagħti dawk id-direzzjonijiet u tagħmel dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa</u> biex il-kumpanija u l-persuni l-oħra kollha jitqiegħdu fl-istess pożizzjoni kemm jista' jkun viċin dik li kieku l-isem tal-kumpanija ma jkunx tħassar. Ir-Reġistratur għandu minnufih jgħaddi biex jippubblika avviż fil-Gazzetta jew fuq website miżmuma mir-Reġistratur u f'gazzetta li toħroġ kuljum li ċ-*

*ċirkolazzjoni tagħha tkun għal kollox jew prinċipalment f'Malta u l-isem tal-kumpanija jerġa' jidħol fir-reġistru.*

Iżda dan l-artikolu ma jistax jinqara f'*vacum*, imma jeħtieġ jinqara u jiġi applikat fil-kuntest ta' dak li ġie krejat u għalhekk jrid jittieħed dejjem fil-kuntest tal-**Artikoli 325(1) (2) u (3)** li jgħidu testwalment hekk:

***325.*** *(1) Meta r-Reġistratur ikollu raġuni biżżejjed biex jaħseb li kumpanija ma tkunx qed tmexxi negozju jew ma tkunx qedtopera, dan jista' jibgħat lill-kumpanija ittra bil-posta fejn jistaqsi jekk il-kumpanija tkunx qed tmexxi negozju jew tkunx qed topera*

*(2) Jekk ir-Reġistratur jirċievi tweġiba fis-sens li l-kumpanija ma tkunx qed tmexxi negozju jew ma tkunx qed topera, jew jekkma jirċevix tweġiba fi żmien xahar minn meta jkun bagħat l-ittra,dan jista' jibgħat lill-kumpanija bil-posta u jippubblika avviż fil-Gazzetta jew fuq website miżmuma mir-Reġistratur u f'gazzetta litoħroġ kuljum li ċ-ċirkolazzjoni tagħha tkun għal kollox jewprinċipalment f'Malta li, f'egħluq tliet xhur mid-data tal-aħħarpubblikazzjoni tal-imsemmi avviż, l-isem tal-kumpanija għandu,kemm-il darba qabel ma tintwerix raġuni biex isir kuntrarju jewjekk ir-Reġistratur ikun sodisfatt li hemm raġunijiet biżżejjed biexma jipproċedix bit-tħassir, jitħassar minn fuq ir-reġistru, u l-attivtal-kumpanija jgħaddi f'idejn il-Gvern ta' Malta.*

*(3) Jekk, f'xi każ fejn kumpanija tkun qed tiġi stralċjata volontarjament, ir-Reġistratur ikollu raġuni biżżejjed biex jaħsebjew li ebda stralċjarju ma jkun qed jaġixxi jew li l-affarijiet tal-kumpanija jkunu stralċjati għal kollox, u li l-prospetti li humameħtieġa li jsiru mill-istralċjarju skont l-artikolu 322 ikunu tard b'sitt xhur jew iktar, ir-Reġistratur jista' jippubblika fil-Gazzetta jew fuq website miżmuma mir-Reġistratur u f'gazzetta li toħroġkuljum li ċ-ċirkolazzjoni tagħha tkun għal kollox jew prinċipalmentf'Malta, avviż li f'egħluq tliet xhur mill-aħħar pubblikazzjoni tal-imsemmi avviż, l-istralċ tal-kumpanija għandu, kemm-il darba qabel ma tintweriex raġuni biex isir kuntrarju, jitqies li jkun ġiemitmum u konsegwentament li l-isem tal-kumpanija jitħassar minnfuq ir-reġistru. Ir-Reġistratur għandu jieħu*

*ħsieb jibgħat bil-postakopja tal-imsemmi avviż lill-kumpanija u lill-istralċjarju, jekk ikun hemm. Malli jagħlaq l-imsemmi żmien ta' tliet xhur l-istralċ tal-kumpanija għandu, kemm-il darba qabel ma tintwerix raġuni biex isir kuntrarju, jitqies li jkun ġie mitmum u r-Reġistratur għandu jħassar l-isem tal-kumpanija minn fuq ir-reġistru u l-attiv tal-kumpanija jgħaddi f'idejn il-Gvern ta' Malta."*

B'hekk l-Artikolu 325(4) tal-KAP 386 tal-Ligijiet ta' Malta jikkontempla sitwazzjoni fejn ir-Reġistratur tal-Kumpaniji jkun hu minn jeddu li jkun neħħa l-isem tal-Kumpanija minn fuq ir-Reġistru għax fil-fehma tiegħu tkun seħħet waħda mis-sitwazzjonijiet kontemplati mill-istess artikolu. Ta' min jinnota li f'dawn il-każijiet l-*istatus* tal-kumpanija jkun jimmarka bħala *struck off as defunct*. F'dan il-każ, il-persuna interessata li l-kumpanija terġa` titqiegħed fir-Reġistru trid tagħti ġustifikazzjoni dwar għaliex dan għandu jsir u ċioe` li jew il-kumpanija ser tiġi *in regola* mal-Kap 386[1] jew li hemm drittijiet ta' terzi li l-unika mod li jistgħu jiġu enforzati hu billi l-kumpanija terġa` titqiegħed fir-reġistru.[2]

Mill-banda l-oħra l-**artikolu 300B tal-Kap 386** jgħid testwalment hekk:

*(1) Meta kumpanija tkun tħassret minn fuq ir-reġistru, kull persuna interessata tista' b'rikors, titlob lill-Qorti biex tordna hi li l-isem tal-kumpanija jkun restitwit fuq ir-reġistru u li l-istralċ jerġa' jinfetaħ.*

*(2) Meta, fuq rikors magħmul taħt is-subartikolu (1), il-Qorti tkun sodisfatta li l-istralċ u t-tħassir tal-kumpanija jkun vizzjat bi frodi jew <u>b'illegalità ta' natura materjali</u>, il-Qorti tista' tordna li l-isem tal-kumpanija jkun restitwit fuq ir-reġistru u li l-istralċ jerġa' jinfetaħ <u>għal dawk ir-raġunijiet u għal dak iż-żmien li l-Qorti tispeċifika fid-deċiżjoni tagħha</u>, u l-Qorti għandha tagħti dawk <u>id-direttivi u timponi dawk il-kondizzjonijiet li jidhrilha xieraq</u>.*

*(3) <u>Il-Qorti għandha tilqa' t-talba biss jekk tkun sodisfatta li dak ikun l-uniku rimedju li jkun hemm.</u>*

---

[1] Ara **Maurice Vassallo Eminyan v Reġistratur tal-Kumpaniji et** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-25 ta' Frar 2021

[2] Ara Nazzareno Muliet vs Ir-Reġistratur tal-Kumpaniji deċiża minn din il-Qorti fil-28 ta' Settembru 2022.

(4) Fid-deċiżjoni tagħha l-Qorti għandha wkoll tiddeċiedi jekk l-ordnijiet u d-direttivi tagħha jkunux effettivi favur il-persuni kollha jew jekk għandhomx japplikaw limitatament għal persuni speċifiki indikati fid-deċiżjoni.

(5) Ma jista' jsir ebda rikors taħt dan l-artikolu wara li jgħaddu ħames snin mid-data li fiha l-isem tal-kumpanija jkun tħassar mir-reġistru.

L-Artikolu 300B tal-KAP 386, mill-banda l-oħra jikkontempla xenarju fejn il-kumpanija li tkun ġiet xjolta, u għal darb'oħra r-Reġistru tal-Kumpaniji ma jkunx minn jeddu għażel li jneħħi l-isem tal-kumpanija minn fuq ir-Reġistru, u minħabba li l-istralċ u t-tħassir tal-kumpanija jkun vizzjat bi frodi jew b'illegalita` ta' natura materjali, tista' ssir talba sabiex il-Qorti tordna li l-isem jiġi restitwit fuq ir-reġistru u jerġa' jinfetaħ l-istralċ mill-ġdid.

Fil-Principles of Maltese Company Law (MUP – 2007 – pag 43) **Profs Andrew Muscat** jgħid is-segwenti dwar l-Artikolu 300B:

*"The amending Act introduced another novel provision dealing with the situation where the winding up and striking off of a company has been vitiated by fraud or illegality of a material nature. A typical example would be where the liquidator deliberately fails to take into account a pending claim against the company.*

*The new article (article 300B of the Companies Act) empowers the court, upon an application filed by any interested person to order that the name of the company be restored to the register and the winding up be reopened for such purposes and such period as the court specifies in its decision. The court is also entitled to to give such directives and impose such conditions as it may consider appropriate. No application may be filed after the expiration of five years from the date on which the name of the company has been struck off the register. Prior to the introduction of article 300B, the Maltese courts had in a number of cases tackled situations where a claim against a company was not taken into account by the liquidator who proceeded to finalise the winding up and have the company`s name struck off the register. In*

*these cases the courts applied a remedy involving the effective revival of the company.*

*It should be remarked that the courts have been willing to provide such a remedy even where the omission by the liquidator to take into account a pending claim against the company was purely inadvertent. Article 300B however empowers the court to grant a remedy where it is satisfied that "the winding up and striking off of the company has been vitiated by fraud or illegality of material nature". Would an inadvertent omission constitute "illegality". A wide interpretation ought to afforded to the term "illegality". A liquidator who, whether negligently or faudulently, fails to take into account a pending claim will, it is submitted, have acted unlawfully. After all, in terms of general principles of law, a person who does not use the prudence, diligence and attention of a bonus paterfamilias and causes damage as a result is deemed to have acted unlawfully. Moreover a liquidator is clearly bound by law to take into account all pending claims against the company and if he fails to do so through negligence, imprudence or want of attention he should also be deemed to have acted unlawfully."*

Isegwi għalhekk li dawn iż-żewġ artikoli, għalkemm ghandhom *punto di partenza* simili - kumpanija li isimha jkun ġie mħassar mir-Reġistru - , jikkontemplaw sitwazzjonijiet ferm distinti u li l-effett aħħari tagħhom fil-maġġor parti huwa differenti. Fil-fatt kumpanija li tiġi rxuxtata ai termini tal-Artikolu 325(4) terġa` ssib ruħha fir-Reġistru daqs li kieku qatt ma isimha ġie mħassar, u jekk kemm-il darba tiġi rxuxtata ai termini tal-Artikolu 300B għalkemm ukoll isem il-kumpanija jerġa jidħol fir-Reġistru daqs li kieku qatt ma ġie mħassar, b'dana kollu il-kumpanija tiġi rxuxtata fi stat ta' stralċ.

**Tenut kont ta' dak kollu premess u tal-fattispeċi tal-każ li għandha l-Qorti quddiemha llum, il-Qorti tqis li t-talba ta' llum kellha ssir taħt il-Kapitolu 325(4) u dana stante li huwa ċar li f'dan il-każ il-kumpanija ġiet imħassra minn fuq ir-Reġistru mir-Reġistratur innifsu u mhux wara li ġiet konkluża proċedura ta' xoljiment u stralċ.**

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Issa, il-Qorti tosserva li fir-rikors odjern saret ampja referenza għall-Artikolu 300B tal-Kap 386. Madanakollu, a fol 8, is-soċjeta' rikorrenti preżentat hi stess estratt mir-Reġistru tal-Kumpaniji fejn il-kumpanija hija indikata bħala *struck off as defunct*. Tajjeb li jiġi mfakkar li talbiet għal rivvaviment ta' kumpanija huma fihom innfushom proċeduri ta' natura straordinarja u li ċertament li din il-Qorti ma titrattax b'mod leġġer – iżda b'attenzjoni retta. Oltre` minn hekk, ir-risposta tal-intimat Reġistratur kienet ukoll tindika li t-talba tar-rikorrent saret abbażi tal-artikolu żbaljat (minkejja li l-artikolu indikat mill-istess intimat kien ukoll żbaljat) u għalhekk wieħed jippretendi li r-rikorrent kellu almenu jikkunsidra din l-eċċezzjoni u jagħmel attentat li jirregola ruħu fil-kors tal-proċeduri.

F'dan ir-rigward, il-Qorti tagħmel referenza għad-deċiżjoni tagħha deċiża fit-23 ta' Jannar 2003 fl-ismijiet **Francesca Isolan et vs Aureus Ltd et** fejn il-Qorti qalet is-segwenti:

> *"Il-Qorti tqis illi "kif inhu risaput, l-oggett tad-domanda f'kawza jippostula li l-kawza li fuqha dik id-domanda hi fondata ghandha tkun wahda sostantiva u mhux merament appartenenti jew formalistika"*[3]
>
> *F'dan is-sens il-Qorti qed tqis illi essenzjalment, it-talba mressqa quddiemha hija dik ghax-xoljiment u konsegwenti stralc tal-kumpannija intimata. F'dan is-sens, ghalkemm fit-talbiet issir referenza ghall-Artikoli specifici tal-KAP 386, b'dana kollu is-sustanza tat-talbiet tirrikoncilja ukoll mal-premessi li jirreferu ghall-Artikoli ohrajn tal-KAP 386, liema Artikoli ukoll jistghu jwasslu lill-Qorti tikkonsidra x-xoljiment u konsegwenti stralc ta' kumpannija. Fuq kollox, it-talba kienet tkun xorta valida li kieku r-rikorrenti ma semmewx l-artikoli msemmija fit-talba taghhom. Il-Qorti ma thossx illi dan ibiddel bl-ebda mod is-sustanza tal-proċedura.*
>
> *F'dan il-kuntest ghalhekk, il-Qorti mhux ser tillimita ruha li tissindika t-talbiet tar-rikorrenti biss u limitatment fil-kuntest tal-provvedimenti msemmija fl-istess talbiet, imma ser tikkonsidra t-talbiet ukoll fl-isfond tal-provvedimenti tal-ligi li ssir referenza ghalihom fil-premessi, partikolarment in vista tal-*

[3] Nazzareno Sammut vs Charles Sultana (09.05.2007) kif rapportati fil-ktieb ta' l-Onor. Imhallef Dr Grazio Mercieca "Massimarji tal-Imhallef Philip Sciberras – Procedura Civili", l-Ewwel Volum, 2015

> *fatt illi dawn kollha jwasslu ghal rizultat wiehed – dak li l-Qorti tiskrutinja u tara jekk il-kumpannija intimata ghandhiex tigi xjolta u konsegwentament stralcjata.*
>
> *Dan qed jinghad ukoll fil-kuntest u fid-dawl ta' spedezza u prattiċita' li huwa mehtieg fil-kamp kummerċjali, peress illi l-alternattiva kienet tkun, f'kaz illi tigi micħuda t-talba minħabba l-iżball msemmi, illi terġa' tiġi ri-proposta l-kawża b'indikazzjoni ta' l-artikoli rilevanti u bl-istess provi diġa` in-tavolati fil-proċeduri odjerni. Il-Qorti tqis dak bħala ħela ta' ħin u spejjeż inutili."*

Applikat dan l-insenjament għall-każ odjern, jirriżulta li t-talba tar-rikorrent hija għar-rivvaviment tal-kumpanija Geras Care Limited u l-għan aħħari tagħha huwa li l-kumpanija *de quo* tiġi rxuxtata. Jirriżulta li kieku r-rikorrent m'għamilx referenza għal kwalunkwe artikolu, din il-Qorti kienet tapplika l-Artikolu 325(4) tal-Kap 386 minħabba li kif spjegat aktar 'l fuq, il-fattispeċi tal-kawża jinkwadraw ruħhom proprju hemm.

Għal darb'oħra din il-Qorti tqis li jekk kemm-il darba tiċħad it-talba li għandha quddiemha minħabba li ġie indikat artikolu żbaljat, dak jitqies bħala ħela ta' ħin u spejjeż minħabba li r-riżultat ser ikun li jiġi ri-intavolat ir-rikors, din id-darba bl-artikolu korrett indikat. Għalhekk din il-Qorti ser tgħaddi biex tikkunsidra u tiddeċiedi din il-vertenza ai termini ta' l-Artikolu 325(4) tal-Kap 386 tal-Ligijiet ta' Malta.

## Ikkunsidrat ulterjorment:

Il-Qorti qieset u fliet ir-rekwiżiti li hemm bżonn biex kumpannija kummerċjali li tneħħiet minn fuq ir-Reġistru tal-Kumpanniji terġa' ssib postha fuqu ai termini tal-Artiklu appena ċitat.

M'hemmx dubbju illi għadhom ma għaddewx il-ħames snin minn meta l-kumpannija Geras Care Limited (C 67013) ġiet ikkanċellata minn fuq ir-Reġistru.

Mill-atti jidher ċar illi r-rikorrenti għandhom kreditu sostanzjali fil-konfront tal-kumpannija mneħħija minn fuq ir-Reġistru, Geras Care Limited (C 67013), u li qegħdin jagħmlu ħilithom sabiex jiġi mħallas l-istess kreditu.

Illi filwaqt illi l-intimat Registratur għandu ragun josserva illi jekk kemm-il darba l-kumpanija terġa` titpoġġa fuq ir-Reġistru ai termini tal-Artiklu 325(4) xorta ser jissussistu l-fatturi li wasslu sabiex ir-Reġistratur neħħa l-kumpanija minn fuq ir-Reġistru – b'dana kollu kull każ storja u fil-każ odjern, ir-rikorrenti indikaw b'mod ċar li għad għandhom kreditu sostanzjali u proċeduri konklużi fil-konfront tal-istess kumpanija.

Huwa għalhekk illi din il-Qorti, fid-deċiżjoni tagħha qed tieħu nota tal-fatt illi r-Reġistratur intimat kellu kull raġun illi jikkanċella isem il-kumpannija Geras Care Limited (C 67013) minn fuq ir-Reġistru, pero` ir-rikorrenti għandhom interess u jinsab sodisfatt dak li trid il-liġi biex huma jitolbu b'suċċess ir-ri-entegrazzjoni tal-kumpannija msemmija lura fuq ir-Registru.

Il-Qorti sejra għalhekk tilqa' t-talba mressqa mir-rikorrenti. Madanakollu, la darba ġie kkonfermat anke mir-Reġistratur innifsu li l-kumpanija *de quo* kienet fi stat ta' stralċ, jekk kemm-il darba l-Qorti tqis li jeżistu l-elementi kollha sabiex tordna r-ravvivament tal-kumpanija, dan ser tkun qed tagħmlu bl-għan li jkompli u jiġi konkluż l-istralċ.

**GĦALDAQSTANT**, fid-dawl tal-provvedimenti tal-KAP 386 hawn fuq ċitati u fid-dawl ta' dak hawn fuq kkunsidrat, il-Qorti jidhrilha illi jkun ġust u ekwu illi tilqa' t-talbiet tar-rikorrent u dana billi:

1. **Fl-ewwel lok**, <u>tordna</u> lir-Registratur tal-Kumpanniji sabiex, ai termini tal-Artiklu 325(4) tal-KAP 386 tal-Liġijiet ta' Malta, fi żmien ħmistax-il jum, jerġa' jdaħħal l-isem ta' **Geras Care Limited (C 67013)** fuq ir-Reġistru tal-Kumpanniji, biex b'hekk titqies illi kompliet bl-eżistenza tagħha daqs li kieku isimha ma kienx tħassar minn fuq ir-Reġistru u ċioe fi stat ta' stralċ.

2. **Fit-tieni lok** <u>tordna</u> lir-Registratur tal-Kumpanniji sabiex iwettaq dawk il-pubblikazzjonijiet kollha meħtieġa ai termini tal-liġi relattiva għal tali inserzjoni mill-ġdid tal-kumpannija msemmija fir-Reġistru tal-Kumpanniji.

3. **Fit-tielet lok** taħtar lil David Bajada sabiex jassumi l-funzjonijiet, is-setgħat u l-obbligi kollha ta' stralċjarju tal-kumpannija **Geras Care Limited (C 67013)**.

4. **Tordna** lill-istess stralċjarju David Bajada sabiex jagħmel dak kollu li hemm bżonn sabiex jiġi mħallas kwalunkwe kreditu dovut mil-kumpanija Geras Care Limited lis-soċjeta' rikorrenti u dan taħt dawk il-pattijiet u kundizzjonijiet hawnhekk stipulati:

   a) Illi dan il-process ta' kontinwazzjoni u finalizzazzjoni tal-process tal-istralc tal-kumpannija **Geras Care Limited (C 67013)** għandu jkun komplut sa zmien <u>massimu</u> ta' ħames (5) snin mil-lum, b'dan illi wara dan il-perjodu r-Reġistratur intimat jkollu s-setgha illi jerġa' jneħħi isem il-kumpanniji msemmija minn fuq ir-Reġistru tal-kumpanniji;

   b) F'eventwalita' illi l-obbligi tas-soċjeta' **Geras Care Limited (C 67013)** lejn is-soċjeta rikorrenti jiġu sodisfatti qabel allura s-soċjeta rikorrenti għandha tavża b'dan lir-Reġistratur intimat sabiex huwa jkun jista' jgħaddi għat-tneħħija tal-isem tal-kumpannija minn fuq ir-Reġistru tal-Kumpanniji minnufih.

   c) Illi l-Qorti trid tagħmilha ċara li dan il-provvediment bl-ebda mod ma għandu jfisser li bħal donnu l-Qorti tat jew qed tagħti xi *carte blanche* lill-kumpannija de quo u/jew lill-ufficjali tagħha u/jew lill-istralcarju tagħha sabiex isir xi haġa oħra, <u>għajr għal dak hawn deċiz</u> u huwa għalhekk illi l-Qorti qed tagħmilha cara illi una volta' ri-integrata fuq ir-Reġistru, il-kumpannija **Geras Care Limited (C 67013)** tista' biss, entro l-perjodu massimu hawnhekk konċess, tgħaddi biex taqdi l-obbligi tagħha lejn is-soċjeta' rikorrenti.

   d) Illi l-ispejjeż ta' din il-proċedura u kif ukoll kwasliasi spejjeż illi jista' jinkorri r-Reġistratur intimat sabiex jirrestitwixxi isem il-kumpannija kummerċjali b'responsabilita' limitata **Geras Care Limited (C 67013)** fuq ir-Reġistru tas-Soċjetajiet u sabiex jerġa' jikkanċella isem il-kumpannija wara li jsir dak hawn fuq deċiż, ikunu a karigu tas-soċjeta' rikorrenti.

**Onor. Ian Spiteri Bailey**
**Imħallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Reġistratur**